

Brussell, 20 ta' Lulju 2022
(OR. en)

11538/22

ECOFIN 753
RELEX 1056
NIS 19
MED 37
COEST 594

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 341 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2021

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 341 final.

Mehmuż: COM(2022) 341 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.7.2022
COM(2022) 341 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2021

{SWD(2022) 192 final}

WERREJ

1	INTRODUZZJONI.....	2
2	L-IŻVILUPPI MAKROEKONOMIĊI FIL-PAJJIŻI SĦAB.....	3
2.1	Il-Viċinat tal-Lvant.....	4
2.2	Il-Viċinat tan-Nofsinhar	4
2.3	Il-Balkani tal-Punent	5
3	OPERAZZJONIJIET TA' ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA FL-2021 .	6
3.1	Il-Viċinat tal-Lvant.....	7
	• Il-Georgia: AMF għall-COVID-19	7
	• Il-Moldova: AMF u AMF għall-COVID-19.....	7
	• L-Ukrajna: AMF għall-COVID-19	8
3.2	Il-Viċinat tan-Nofsinhar	9
	• Il-Ġordan: AMF-III u AMF għall-COVID-19.....	9
	• It-Tuneżija: AMF għall-COVID-19.....	9
3.3	Il-Balkani tal-Punent	10
	• L-Albanija: AMF għall-COVID-19	10
	• Il-Bożnija-Ħerzegovina: AMF għall-COVID-19	10
	• Il-Kosovo ¹ : AMF għall-COVID-19.....	11
	• Il-Montenegro: AMF għall-COVID-19	11
	• Il-Maċedonja ta' Fuq: AMF għall-COVID-19	11
4	L-IŻGURAR TAL-UŻU XIERAQ TAL-FONDI TAL-AMF: VALUTAZZJONIJIET OPERAZZJONALI, EVALWAZZJONIJIET U AWDITI EX POST.....	12
4.1	Valutazzjonijiet operazzjonali.....	12
4.2	Evalwazzjonijiet ex post.....	12
5	ŻVILUPPI ĠENERALI RELATATI MAL-ISTRUMENT TAL-AMF.....	14
5.1	Il-funzjonament tal-istrument tal-AMF.....	14
5.2	L-AMF fil-QFP għall-2021-2027.....	14
6	INĦARSU 'L QUDDIEM – L-OPERAZZJONIJIET TAL-AMF U S- SITWAZZJONI BAĠITARJA FL-2022	15

¹ Din id-deżinjazzjoni hija bla preġudizzju għal pożizzjonijiet dwar l-istatus u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-ICJ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2021 ⁽²⁾

1 INTRODUZZJONI

L-assistenza makrofinanzjarja, jew l-AMF, hija strument finanzjarju tal-UE ⁽³⁾ estiż għall-pajjiżi sħab li jkunu qegħdin jesperjenzaw kriżi fil-bilanċ tal-pagamenti. Sa mill-bidu tagħha fl-1990, l-AMF għenet biex ittejjeb l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja f'pajjiżi ġirien jew ġeografikament qrib l-UE, filwaqt li ħeġġet riformi strutturali f'dan il-pajjiżi. Hija tikkomplementa - u hija kundizzjonali fuq - arranġament ta' kreditu mhux prekawzjonarju miftiehem mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). It-tnaqqis ta' ftit mill-pressjoni minn fuq il-pajjiż sieħeb biex jindirizza l-problemi tal-bilanċ tal-pagamenti jippermettilu jżid l-ispazju fiskali tiegħu, ittejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn tiegħu u jiffoka fuq li jagħmel ir-riformi meħtieġa. Billi jagħmlu l-pjan ta' aġġustament makroekonomiku eħfef, l-operazzjonijiet tal-AMF jista' jkollhom impatti soċjali pożittivi, u b'hekk il-pajjiż ikollu aktar ħin u jkollu ambitu akbar biex jindirizza l-kawżi ewlenin tal-kriżi tiegħu.

L-AMF ħafna drabi tieħu l-forma ta' self, li l-Kummissjoni tissellef mis-swieq kapitali biex tiffinanzjah. Imbagħad, il-Kummissjoni tislef dawn il-fondi lill-pajjiż benefiċjarju. F'xi każijiet, l-AMF tieħu l-forma ta' għotjiet iffinanzjati mill-baġit tal-UE, jew tieħu l-forma ta' taħlita ta' self u għotjiet.

L-AMF tingħata f'pagamenti parzjali u biss jekk jiġu ssodisfati kriterji speċifiċi ta' riforma strutturali maqbula mal-pajjiż. Dawn il-kundizzjonijiet jirfdu l-implimentazzjoni ta' miżuri b'saħħithom ta' aġġustament u riforma mmirati lejn: (i) it-tiħiħ tas-sistemi tal-finanzi pubbliċi; u (ii) l-appoġġ għat-tekabbir sostenibbli u inklużiv u l-ħolqien tal-impjiegi. Barra minn hekk, prekondizzjoni għall-għoti tal-AMF hija li l-pajjiż benefiċjarju jrid jikkonforma ma' mekkaniżmi demokratiċi effettivi. Dawn il-mekkaniżmi jinkludu: li jkollhom sistema parlamentari b'diversi partiti; li josservaw l-istat tad-dritt; u li jiggwarantixxu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. B'dan il-mod, l-AMF tikkomplementa l-assistenza ta' kooperazzjoni regolari tal-UE, u tikkontribwixxi għall-miri usa' tal-preservazzjoni tal-istabbiltà, tal-promozzjoni tal-prosperità, u tal-promozzjoni tal-valuri ewlenin tagħna lil hinn mill-UE. L-AMF hija rikonoxxuta b'mod wiesa' bħala strument effettiv biex iwieġeb għall-kriżijiet, li jippermetti lill-UE tintervjeni b'mod viżibbli u flessibbli bis-setgħa li tħeġġeġ bidliet fil-politiki tal-pajjiżi ⁽⁴⁾. Din il-konklużjoni dwar l-effettività tal-AMF biex twieġeb għall-kriżijiet hija

² Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli sa Ġunju 2022.

³ Il-bażi legali għall-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi mhux tal-UE għajr pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp hija l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 213 tat-TFUE jista' jintuża bħala bażi legali meta l-pajjiż terz ikun jirrikjedi assistenza finanzjarja urġenti.

⁴ L-AMF tikkomplementa wkoll azzjonijiet jew strumenti esterni oħrajn tal-UE għall-viċinat u għall-Balkani tal-Punent, inkluż appoġġ baġitarju li għalih tħallsu total ta' EUR 461 miljun ta' għotjiet fir-reġjuni fl-2021. Ir-rapport dwar l-appoġġ baġitarju l-aktar reċenti huwa disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/international-partnerships/system/files/budget_support_-_trends_and_results_2021.pdf

appoġġata mis-sejbiet ta' diversi evalwazzjonijiet *ex post* indipendenti ta' operazzjonijiet kompluti tal-AMF ⁽⁵⁾.

Bħala strument f'każ ta' kriżijiet u għall-kuntrarju ta' strumenti ta' finanzjament estern oħrajn tal-UE, l-AMF ma tipprovdi appoġġ finanzjarju fuq bażi regolari u programmabbli. Għal din ir-raġuni, fl-ambitu tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għal bejn l-2021 u l-2027, operazzjonijiet speċifiċi tal-AMF se jkomplu jiġu attivati fuq il-bażi ta' deċiżjonijiet *ad hoc*. Meta jkunu bbażati fuq l-Artikolu 212 tat-TFUE, dawn id-deċiżjonijiet *ad hoc* għal operazzjonijiet speċifiċi tal-AMF huma rregolati mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal kull operazzjoni (jew għal diversi operazzjonijiet simultanjament kif kien il-każ għall-pakkett tal-AMF għall-COVID-19 adottat f'Mejju 2020).

Dan ir-rapport annwali huwa mħejji skont l-obbligi ta' informazzjoni tal-Kummissjoni kif stipulati fid-diversi deċiżjonijiet mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill rigward il-programmi tal-AMF. Flimkien mar-rapport hemm dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jipprovdi analiżi aktar dettaljata tal-kuntest makroekonomiku kif ukoll tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet tal-AMF individwali.

2 L-IŻVILUPPI MAKROEKONOMIĊI FIL-PAJJIŻI SĦAB

Wara r-reċessjoni kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, l-ekonomiji tal-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viceinat irkupraw fl-2021. Id-durata u s-severità tar-reċessjoni varjaw ħafna minn pajjiż għall-ieħor. Dawn id-differenzi jirriflettu kemm il-mod differenti kif il-pandemija nfixxet madwar il-pajjiżi, iżda wkoll l-istrutturi ekonomiċi differenti tas-sħab u l-kapaċità differenti tagħhom li jieħdu kontromiżuri effettivi. L-irkupru li segwa wkoll kien irregolari bejn il-pajjiżi. Din it-taqsimha teżamina l-isfidi reġjonali li qegħdin jiffaċċjaw kemm il-pajjiżi tal-viceinat tal-UE kif ukoll dawg tal-Balkani tal-Punent, filwaqt li l-prestazzjoni ekonomika tagħhom hija vvalutata ulterjorment skont il-pajjiż fid-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament.

Filwaqt li l-ħarsiet ġenerali reġjonali ppreżentati hawn taħt iħarsu lura, ta' min jinnota li l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja tkerrah b'mod sinifikanti l-prospettiva ġenerali lil hinn mill-impatt dirett devastanti tagħha fuq l-Ukrajna. Filwaqt li wħud mill-ġirien tal-Ukrajna fis-Sħubija tal-Lvant (SL) jistgħu jkunu l-aktar affettwati mill-effetti konsegwenzjali, ir-riperkussjonijiet tal-invażjoni se jinħassu fit-tliet reġjuni kollha. Fil-pajjiżi tas-SL, l-invażjoni tal-Ukrajna wasslet għal deprezzament monetarju u għal pressjonijiet qawwija fuq il-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija. Il-fiduċja tal-konsumaturi u tan-negozji ntlaqtet bil-kbir ukoll. Fix-xhur li ġejjin, il-kunflitt se jkun ta' piż kbir fuq il-kummerċ, ir-rimessi u l-investimenti. B'mod ġenerali, ir-reġjun tas-SL x'aktarx li se jiffaċċja sena ta' staġflazzjoni. Fil-Viċinat tan-Nofsinhar, minkejja l-iskopertura tan-negozjar ġenerali baxxa, il-pressjoni mill-kunflitt qiegħda tinħass fil-prezzijiet oġhla tal-ikel u t-theddid għas-sigurtà tal-ikel (xi pajjiżi jiddependu ħafna fuq ir-Russja u fuq l-Ukrajna għall-importazzjonijiet tal-qamħ tagħhom, oġġett essenzjali kritiku u ssussidjat ħafna) kif ukoll fil-prezzijiet tal-enerġija (ħafna drabi ssussidjati ħafna). Barra minn hekk, l-irkupru ta' wara l-COVID-19 fis-settur tat-turiżmu se jieħu daqqa wkoll f'xi pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar. Fil-Balkani tal-Punent, iż-żidiet sostnuti fil-prezzijiet tal-enerġija, tal-ikel u tat-trasport huma wkoll mistennija li jkomplu jżidu r-ritmu tal-inflazzjoni, biex b'hekk jonqsu l-introjtu nett reali tal-unitajiet domestiċi u l-konsum

⁵ L-evalwazzjonijiet *ex post* kollha huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities_en

privat. It-tkabbir ekonomiku jista' jonqos aktar fil-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent li jiddependu l-aktar fuq it-turiżmu. Il-prospettiva ekonomika fit-tliet reġjuni kollha tkun affettwata minn: (i) tfixkil fil-ktajjen tal-provvista internazzjonali; u (ii) domanda aktar baxxa li tirriżulta minn prospetti ta' tkabbir aktar baxxi fis-sħab kummerċjali ewlenin, inkluża l-UE. Dawn il-fatturi jistgħu jinfluwenzaw l-esportazzjonijiet, l-investment barrani dirett u r-rimessi, u b'hekk jaggravaw l-iżbilanċi esterni eżistenti.

2.1 Il-Viċinat tal-Lvant

Fl-2021, l-ekonomiji tar-reġjun tal-Viċinat tal-Lvant irkupraw mir-reċessjoni kkawżata mill-pandemija tal-2020. Il-fatturi ewlenin f'dan l-irkupru kienu: (i) l-irkupru fil-konsum tal-unitajiet domestiċi minn bażi baxxa ħafna; (ii) żieda fir-rimessi; u (iii) żieda fl-attività ta' investment. Dawn l-ekonomiji kienu appoġġati wkoll minn domanda esterna robusta. Għalkemm ir-ritorn għat-tkabbir għen biex jitnaqqsu r-rati tal-qgħad fi kważi l-pajjiżi kollha, dan ir-ritorn għat-tkabbir kien akkumpanjat minn aċċellerazzjoni stabbli u qawwija fl-inflazzjoni matul is-sena. Iż-żieda fl-inflazzjoni prinċipalment kienet xprunata miż-żieda fil-prezzijiet globali tal-enerġija u tal-ikel. F'tentattiv biex irażżnu l-inflazzjoni, il-banek ċentrali kollha fir-reġjun tal-viċinat tal-Lvant issikkaw il-politika monetarja tagħhom fl-2021. Dan appoġġa apprezzament kostanti tal-valuti lokali, li, f'ħafna każijiet, irkupraw it-telf li kienu rreġistraw fl-2020.

Il-pożizzjonijiet fiskali tjiebu fl-2021 minkejja li għadhom qegħdin jinħassu l-effetti tal-pandemija. Id-dħul reġa' żdied bil-qawwa minħabba ż-żieda fl-attività ekonomika u ż-żieda qawwija fil-kummerċ. Fl-istess ħin, in-nefqa kompliet tiżdied b'mod kostanti, inkluż minħabba tnaqqis li kien gradwali biss tal-miżuri ġenerużi użati biex jiġi indirizzat l-impatt tal-pandemija fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji. Defiċits aktar baxxi, apprezzament tal-valuti domestiċi u żieda konsiderevoli fil-PDG nominali kollha wasslu għal titjib tal-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku mal-PDG tal-pajjiżi tal-Viċinat tal-Lvant. Min-naħa esterna, kemm l-importazzjonijiet kif ukoll l-esportazzjonijiet irkupraw b'mod qawwi madwar ir-reġjun u dan jirrifletti l-baży baxxa, id-domanda ogħla u ż-żieda fil-prezzijiet tal-komoditajiet. Ir-rimessi wkoll żdiedu sostanzjalment. Dan kollu, flimkien mal-allokazzjoni ġenerali tad-Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (Special Drawing Rights, SDR) mill-FMI lill-membri tiegħu f'Awwissu, ta spinta importanti lill-pożizzjonijiet esterni u wassal għal żieda fir-riżervi internazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi.

Meta wieħed iħares 'il quddiem u kif ġie nnotat hawn fuq, il-Viċinat tal-Lvant huwa partikolarment espost għall-konsegwenzi ekonomiċi tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja u qiegħed f'riskju li jispiċċa f'reċessjoni severa, li l-proporzjonijiet tagħha jistgħu jkunu komparabbli ma' daww ikkawżati mill-kollass tal-Unjoni Sovjetika fis-snin 90, peress li l-akbar żewġ ekonomiji fir-reġjun tas-SL, l-Ukrajna u l-Belarużsja, huma bil-bosta l-aktar milquta.

2.2 Il-Viċinat tan-Nofsinhar

Fl-2021, l-attività ekonomika fir-reġjun tal-Viċinat tan-Nofsinhar bdiet tirkupra wkoll mill-pandemija u mill-konsegwenzi ekonomiċi tagħha. Il-pajjiżi kollha reġgħu qabdu t-triq tat-tkabbir, ħlief għal-Libanu, fejn hemm kriżi politika u ekonomika profonda kontinwa. It-tkabbir fir-reġjun aċċellera matul is-sena, hekk kif ir-restrizzjonijiet aktar laxki, il-varar tal-vaċċini u d-domanda li nġemgħet kollha appoġġaw kemm żieda fl-attività ta' investment kif ukoll irkupru fil-konsum privat u tal-gvern. L-irkupru fid-domanda esterna appoġġa wkoll l-industriji tal-esportazzjoni, b'mod partikolari l-manifattura. In-numri tat-turiżmu tjiebu wkoll xi f'it, f'konformità mat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar. Il-qgħad baqa' ogħla mil-livell ta' qabel il-pandemija, iżda r-rati tal-impjieg tjiebu f'konformità ma' rati ogħla ta' attività. Il-pessjonijiet tal-

inflazzjoni żdiedu sostanzjalment, inkluż għall-prodotti tal-ikel u tal-enerġija, filwaqt li l-politiki monetarji baqgħu favorevoli. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-komoditajiet żiedet l-attività u tejbet il-bilanċi fiskali fil-pajjiżi li jespportaw l-enerġija.

Id-defiċits fiskali naqsu fl-2021, minħabba l-irkupru tad-dħul u ż-żidiet moderati fin-nefqa f'konformità mal-irtirar gradwali ta' miżuri ta' appoġġ relatati mal-pandemija. Madankollu, id-dejn pubbliku baqa' f'livelli rekord bħala konsegwenza tal-ħtiġijiet ta' finanzjament sostanzjali minħabba l-pandemija. Ir-reġjun ra rkupru qawwi kemm fl-importazzjonijiet kif ukoll fl-esportazzjonijiet wara: (i) l-irkupru fid-domanda li qabel kienet baxxa; (ii) iż-żidiet fil-prezzijiet tal-komoditajiet; (iii) u domanda dejjem akbar mis-swieq ewlenin tal-esportazzjoni tar-reġjun. Ir-rimessi rekord kienu appoġġati wkoll mir-ritorn għat-tkabbir fl-Unjoni Ewropea u miż-żieda fil-prezzijiet globali taż-żejt. Il-valuti domestiċi baqgħu stabbli jew żdiedu ftit, bi tnaqqis fir-riżervi internazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Ir-reġjun kompli jibbenefika minn appoġġ estern minn selliefa istituzzjonali internazzjonali, inklużi l-allokkazzjonijiet tal-SDR tal-FMI.

L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja kellha impatt ukoll fuq il-prospettiva għall-Viċinat tan-Nofsinhar, għalkemm inqas milli kellha impatt fuq il-prospettiva għas-Sħubija tal-Lvant. L-impatt tal-invażjoni mir-Russja jimplika riskji sinifikanti għall-irkupru li għadu kif beda, peress li l-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar huma mistennija li jiġu affettwati b'mod partikolari minn prezzijiet oġhla tal-ikel, tal-enerġija u tal-komoditajiet l-oħrajn. Dawn il-prezzijiet oġhla se jżidu l-inflazzjoni u se jaffettwaw il-konsum domestiku filwaqt li jżidu l-pressjoni fuq il-baġits pubbliċi.

2.3 Il-Balkani tal-Punent

Wara r-reċessjoni kkawżata mill-pandemija fl-2020, l-effetti ta' tfixkil tal-kriżi tal-COVID-19 sparixxew u l-attività ekonomika reġgħet lura bil-qawwa fl-ekonomiji kollha tal-Balkani tal-Punent fl-2021. L-irkupru kien appoġġat l-aktar: (i) mit-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' konteniment relatati mal-COVID-19; (ii) minn domanda domestika u esterna akbar; u (iii) mill-effetti bażiċi aktar favorevoli. F'konformità mal-irkupru fl-attività ekonomika, it-tkabbir fl-impjiegi reġa' lura għal qagħda pożittiva u r-rati tal-qgħad naqsu fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fir-reġjun. Kien hemm ukoll żieda fin-numru ta' persuni impjegati. Id-dinamika tal-inflazzjoni kienet tirrifletti l-irkupru fid-domanda aggregata u l-prezzijiet oġhla għall-enerġija, l-ikel u t-trasport, bil-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent jesperjenzaw żieda fl-inflazzjoni fl-2021.

L-irkupru fid-dħul mit-taxxa minħabba attività ekonomika akbar għen biex jitnaqqsu d-defiċits fiskali madwar ir-reġjun fl-2021. Barra minn hekk, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż għall-PDG naqas ftit fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi meta mqabbel ma' tmiem l-2020, u dan parzjalment jirrifletti rkupru fit-tkabbir tal-PDG nominali. Fuq il-front estern, id-defiċits tal-kont kurrenti naqsu b'mod sinifikanti fl-2021 meta mqabbla mas-sena ta' qabel hekk kif l-irkupru qawwi fl-esportazzjonijiet tas-servizzi u l-influssi oġhla ta' rimessi ssuperaw iż-żieda fid-defiċits fil-kummerċ tal-merkanzija.

Il-prospettiva għall-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent iddeterjorat ukoll, bil-prospetti tat-tkabbir miżmuma lura minħabba diversi fatturi, l-aktar sinifikanti l-impatt ta' prezzijiet oġhla għall-enerġija, l-ikel u t-trasport fuq l-introjtu nett u l-konsum. Madankollu, jidher ċar li l-Balkani tal-Punent ġew affettwati inqas minn dawn il-fatturi mill-pajjiżi tas-SL.

3 OPERAZZJONIJIET TA' ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA FL-2021

Fit-22 ta' April 2020, il-Kummissjoni adottat proposta għal pakkett ta' AMF ta' EUR 3 biljun għal għaxar pajjiżi sħab tat-tkabbir u tar-reġjun tal-viċinat biex tgħinhom

jillimitaw il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19. Id-deċiżjoni⁶ ġiet adottata malajr ħafna mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-25 ta' Mejju 2020⁷. Disponibbli biss għal sena waħda, l-AMF għall-COVID-19 kellha tingħata f'żewġ pagamenti parzjali flimkien ma' arranġament ta' żborż tal-FMI, u kienet soġġetta għas-sodisfazzjoni tal-prekundizzjonijiet politiċi ġenerali. Bħala kundizzjoni addizzjonali, it-tieni u l-aħħar pagament parzjali jiġi żborżat biss wara li l-pajjiż sieħeb ikun issodisfa l-kundizzjonijiet tal-politika mehmuża.

Fl-2021, il-fokus għalhekk kien fuq l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-AMF għall-COVID-19. Ġie żborżat total ta' EUR 1,665 biljun f'self biex jappoġġaw l-istabbiltà finanzjarja tal-pajjiżi sħab tal-UE u biex dawn jiġu meġġuna jillimitaw l-impatt ekonomiku negattiv tal-pandemija tal-COVID-19.

Mis-seba' operazzjonijiet mibdija fl-2020, sitta tlestew kompletament b'suċċess, bl-iżborż tat-tieni u l-aħħar segment għall-pajjiżi li ġejjin: il-Maċedonja ta' Fuq, il-Kosovo, il-Montenegro, il-Ġordan, il-Moldova u l-Ukrajna. Barra minn hekk, l-assistenza lill-Albanija, li daħlet fis-seħħ biss fl-2021, ġiet żborżata kompletament ukoll.

Madankollu, l-operazzjoni tal-AMF fil-Georgia miftiehma skont id-deċiżjoni msemmija hawn fuq ġiet żborżata biss parzjalment. Għalkemm l-ewwel żborż sar f'Novembru 2020, it-tieni pagament parzjali ġie kkanċellat: (i) wara n-nuqqas ta' eżekuzzjoni mill-Georgia tal-aktar kundizzjoni ta' politika importanti relatata mas-sistema ġudizzjarja; u (ii) wara li l-awtoritajiet tal-Georgia indikaw li ma kinux għadhom jeħtieġu l-fondi.

Iż-żewġ operazzjonijiet li fadal għall-Bożnija-Herzegovina u għat-Tuneżija wkoll inbdew fl-2021, wara l-proċessi ta' ratifika pjuttost twal rispettivi tagħhom għall-Memorandum ta' Qbil (MtQ) u l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self (Loan Facility Agreement, LFA). It-Tuneżija rċeviet it-tieni żborż fil-25 ta' Mejju 2022, biex b'hekk temmet b'suċċess l-operazzjoni mat-tlestija tal-kundizzjonijiet tal-politika miftiehma fil-MtQ. Min-naħa l-oħra, it-tieni segment għall-Bożnija-Herzegovina ma ġiex żborżat minħabba l-implimentazzjoni limitata tar-riformi fi tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà.

Minbarra l-assistenza finanzjarja ppjanata biex tgħin lill-pajjiżi jirrispondu għall-pandemija tal-COVID-19, ittieħdu wkoll passi biex jitwettqu l-pjanijiet għall-implimentazzjoni tat-tielet AMF regolari għall-Ġordan, bir-rilaxx tat-tieni segment iseħħ fl-20 ta' Lulju 2021.

Fid-dawl tal-irkupru ekonomiku li għaddej wara l-pandemija, u ta' kriżi tal-gass li bdiet f'Ottubru 2021, il-Moldova ressqet talba għal operazzjoni ġdida tal-AMF f'Novembru 2021. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll talba għal AMF ġdida mill-Ukrajna, fost ir-riskju ta' eskalazzjoni tal-kunflitt mar-Russja u fl-isfond tat-telf ta' aċċess għas-swieq kapitali internazzjonali. L-operazzjonijiet korrispondenti tal-AMF sussegwentement ġew proposti fil-bidu tal-2022 għal massimu ta' EUR 150 miljun għall-Moldova u sa EUR 1,2 biljun għall-Ukrajna.

⁶ Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701.

⁷ L-AMF hija dejjem soġġetta għal programm ta' żborż tal-FMI. Il-pajjiżi benefiċjarji b'arranġament ta' riżerva tal-FMI jew programm fl-ambitu tal-Faċilità ta' Fond Estiża (jew arranġament simili bi programm ta' aġġustament u riforma akkumpanjat mill-FMI) fil-prinċipju jridu jżommu l-programm tal-FMI tagħhom fit-triq it-tajba, kif indikat minn rieżamijiet ta' suċċess. Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, l-AMF hija eċċezzjonalment disponibbli wkoll għal pajjiżi li jibbenefikaw minn finanzjament ta' emerġenza mill-FMI, bħal permezz tal-Istrument ta' Finanzjament Rapidu, li jiġi fi żborż wieħed tal-FMI.

L-istatus ta' implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-AMF fl-2021 (skont ir-reġjun):

3.1 Il-Viċinat tal-Lvant

- **Il-Georgia: AMF għall-COVID-19**

Il-pakkett tal-AMF għall-COVID-19 kien jinkludi AMF sa EUR 150 miljun għall-Georgia.

L-ewwel pagament parzjali (EUR 75 miljun) ġie żborżat f'Novembru 2020.

It-tieni pagament parzjali ta' EUR 75 miljun kien soġġett għall-issodisfar ta' sett ta' kundizzjonijiet ta' politika stabbiliti fil-MtQ fl-oqsma ta': l-akkwist pubbliku; is-sistema tal-pensjonijiet; il-liġi dwar il-kumpaniji; il-governanza tal-intrapriżi tal-Istat; is-sistema ġudizzjarja; l-effiċjenza fl-enerġija; u s-suq tax-xogħol. Il-Georgia tabilħaqq implimentat diversi riformi strutturali f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-AMF. Madankollu, it-tieni pagament parzjali ġie kkanċellat, wara n-nuqqas ta' eżekuzzjoni mill-Georgia tal-aktar kundizzjoni ta' politika importanti relatata mas-sistema ġudizzjarja u wara d-deċizzjoni tal-awtoritajiet tal-Georgia li ma jitolbux dan it-tieni pagament parzjali.

L-AMF ġiet ipprovduta flimkien ma' riżorsi minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u donaturi bilaterali, inkluż l-FMI, fl-ambitu tal-programm ta' 4 snin tal-Faċilità ta' Fond Estiża (Extended Fund Facility, EFF) tal-FMI mal-Georgia. L-EFF ta' 4 snin tal-FMI ġiet approvata f'April 2017 u żdiedet fl-2020 għal total ta' madwar EUR 690 miljun. Ir-rieżamijiet kollha fl-ambitu ta' dan il-programm tal-EFF ġew approvati b'suċċess mill-Bord tal-FMI, inkluż l-aħħar waħda f'April 2021.

- **Il-Moldova: AMF u AMF għall-COVID-19**

Bħala parti mill-pakkett tal-AMF għall-COVID-19, ġew allokat EUR 100 miljun ta' assistenza għall-Moldova, li jikkomplementaw il-programm ta' emerġenza tal-FMI ta' USD 235 miljun (adottat f'April 2020). Wara l-iżborż tal-ewwel pagament parzjali f'Novembru 2020, l-AMF tlestiet b'suċċess bl-iżborż tat-tieni u l-aħħar segment (EUR 50 miljun) f'Ottubru 2021. Sett ta' kundizzjonijiet ta' politika ġew stabbiliti fil-MtQ fl-oqsma ta': il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; il-governanza tan-negozju; u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. L-implimentazzjoni tar-riforma saret pjuttost bil-mod għall-biċċa l-kbira tal-perjodu tal-AMF għall-COVID-19. Madankollu, wara l-elezzjonijiet parlamentari ta' Lulju 2021, ir-rieda tal-Moldova li tindirizza n-nuqqasijiet strutturali żdiedet b'mod sinifikanti hekk kif il-President, il-Gvern u l-Parlament bdew jaħdmu flimkien b'mod aktar koerenti. Minkejja dan it-titjib, kellha tingħata eżenzjoni fir-rigward ta' kundizzjoni waħda (dwar l-istrateġija għall-irkupru tal-assi wara l-frodi bankarja tal-2014) wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Istati Membri għall-Assistenza Makrofinanzjarja.

F'Novembru 2021, wara t-tifqigħa ta' kriżi tal-enerġija, u minħabba ċ-ċirkostanzi tal-irkupru ekonomiku ta' wara l-pandemija, il-Moldova talbet b'mod uffiċjali AMF regolari ġdida. Wara valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet tal-finanzjament, il-Kummissjoni ħejjiet proposta għal operazzjoni ġdida sa EUR 150 miljun, inkluż EUR 120 miljun f'self fuq perjodu medju ta' żmien, u EUR 30 miljun f'għotjiet. Id-deċizzjoni li tiġi pprovduta AMF addizzjonali lill-Moldova ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fis-6 ta' April 2022. L-AMF se titħallas fi tliet pagamenti parzjali wara l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' politika fl-oqsma ta': il-governanza tajba; l-istat tad-dritt; il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; u r-riformi tas-settur tal-enerġija. Aktar progress fl-irkupru tal-assi

(segwitu għal operazzjonijiet preċedenti tal-AMF) huwa wkoll kundizzjoni għall-iżborż ta' dawn il-pagamenti parzjali.

L-AMF il-ġdida tirrifletti kif il-FMI reġa' kkomunika mal-awtoritajiet tal-Moldova wara l-elezzjonijiet f'Lulju 2021. Intlaħaq ftehim ġdid fil-livell tal-persunal għal Faċilità ta' Kreditu Estiż/EFF ta' tliet snin ta' USD 558,3 miljun, li ġie adottat mill-Bord Eżekuttiv tal-Fond f'Diċembru 2021. L-ewwel pagament parzjali ta' USD 79,8 miljun ġie żborżat immedjatament wara li ġie adottat.

- **L-Ukrajna: AMF għall-COVID-19**

L-AMF għall-COVID-19 għall-Ukrajna ta' EUR 1,2 biljun daħlet fis-seħħ f'Settembru 2020. Il-kundizzjonijiet tal-politika strutturali ta' din il-ħames operazzjoni tal-AMF bnew fuq il-kisbiet tal-AMF tal-passat u appoġġaw ir-riformi f'erba' oqsma: il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; il-governanza u l-istat tad-dritt; it-titjib tal-klima kummerċjali; u l-intrapriżi tal-enerġija u tal-Istat. L-ewwel segment ta' EUR 600 miljun ġie rilaxxat fid-9 ta' Diċembru 2020.

L-iżborż tat-tieni segment kien ikkundizzjonat mill-implimentazzjoni b'suċċess tat-tmien miżuri ta' politika strutturali li l-Ukrajna impenjat ruħha għalihom fil-MtQ, u tal-programm tal-FMI. L-AMF għall-COVID-19 lill-Ukrajna ġiet ipprovduta flimkien ma' riżorsi oħrajn minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u minn donaturi bilaterali, b'mod partikolari l-FMI fl-ambitu tal-Arranġament ta' Riżerva ta' USD 5 biljun tiegħu ta' 18-il xahar miftiehem fid-9 ta' Ġunju 2020. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità maqbula mal-FMI ma kienx uniformi u l-ewwel rieżami tal-programm, inkluża estensjoni tal-programm sal-aħħar ta' Ġunju 2022, ingħalaq biss f'Novembru 2021. Abbażi ta' ittra ta' konfort preċedenti mill-FMI dwar progress sinifikanti tul il-prijoritajiet ewlenin tal-programm u minħabba l-valutazzjoni proprja tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-miżuri strutturali miftiehma fil-MtQ, it-tieni segment ta' EUR 600 miljun ġie żborżat fil-25 ta' Ottubru 2021. Dan ikkonkluda l-implimentazzjoni b'suċċess tal-AMF għall-COVID-19 għall-Ukrajna.

Fil-kuntest tat-tensjonijiet ġeopolitiċi li kienu qegħdin jiżdiedu qabel l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, fl-1 ta' Frar 2022 il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal deċiżjoni dwar l-ġhoti ta' AMF ta' emerġenza ġdida lill-Ukrajna b'valur massimu ta' EUR 1,2 biljun f'self, li għandha tiġi żborżata f'żewġ pagamenti parzjali ugwali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni fl-24 ta' Frar 2022, u b'hekk awtorizzaw is-sitt operazzjoni tal-AMF fl-Ukrajna mill-2014. Il-Kummissjoni u l-Ukrajna ffirmaw il-MtQ relatat fit-3 ta' Marzu, li ppermetta l-iżborż tal-ewwel pagament parzjali ta' EUR 600 miljun f'żewġ segmenti fil-11 u t-18 ta' Marzu 2022. Bħala reazzjoni eċċezzjonali għall-ħtiġijiet ta' finanzjament akuti tal-Ukrajna, u peress li l-kundizzjonijiet miftiehma fil-MtQ ma jstgħux jinkisbu f'dan l-istadju minħabba raġunijiet ta' *force majeure*, il-Kummissjoni ddeċidiet, wara konsultazzjoni pożittiva tal-Kumitat tal-Istati Membri għall-AMF, li tipproċedi bl-iżborż tat-tieni segment ta' EUR 600 miljun f'Mejju, bħala kwistjoni ta' urġenza. Din l-AMF ta' emerġenza hija pprovduta flimkien ma' riżorsi minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u minn donaturi bilaterali, inkluż l-arranġament ta' riżerva ta' USD 5 biljun ta' 18-il xahar tal-FMI miftiehem fid-9 ta' Ġunju 2020. Wara l-konklużjoni b'suċċess tal-ewwel rieżami tal-programm f'Novembru 2021, il-Bord tal-FMI estenda l-validità tal-arranġament ta' riżerva sal-aħħar ta' Ġunju 2022. It-tieni rieżami tal-programm beda fit-23 ta' Frar 2022, jum qabel l-invażjoni mir-Russja. Minħabba s-sitwazzjoni eċċezzjonali, l-Ukrajna

mbagħad talbet finanzjament ta' emerġenza fl-ambitu tal-Istrument ta' Finanzjament Rapidu u rċeviet USD 1,4 biljun fid-9 ta' Marzu.

3.2 Il-Viċinat tan-Nofsinhar

- **Il-Ġordan: AMF-III u AMF għall-COVID-19**

Wara t-tielet AMF lill-Ġordan ta' EUR 500 miljun li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2020, l-awtoritajiet tal-Ġordan talbu assistenza addizzjonali f'April 2020, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, u l-UE qablet li jkun hemm "pagament supplimentari" tal-AMF ta' EUR 200 miljun, kollha f'self. Il-kundizzjonijiet ta' politika tal-AMF jiffokaw primarjament fuq: (i) it-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; (ii) il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; (iii) it-twettiq ta' riformi fis-settur tal-utilitajiet; (iv) ir-riforma tal-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol; u (v) il-governanza.

L-ewwel pagament parzjali (EUR 150 miljun, flimkien ma' EUR 100 miljun bħala pagament supplimentari) ġie żborżat fil-25 ta' Novembru 2020. It-tieni u t-tielet pagamenti parzjali huma soġġetti għall-kundizzjonijiet speċifiċi tal-politika maqbula bejn il-Ġordan u l-UE fil-MtQ. It-tieni segment (EUR 50 miljun u pagament supplimentari ta' EUR 200 miljun) ġew żborżati fl-20 ta' Lulju 2021, u kkonkludew b'suċċess il-parti tal-assistenza relatata mal-COVID-19. Għall-għoti tat-tieni segment, inġhatat eżenzjoni għal kundizzjoni waħda (dwar passi lejn it-twaqqif ta' sistema ta' fatturazzjoni elettronika) wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Istati Membri għall-Assistenza Makrofinanzjarja. Madankollu, din il-kundizzjoni eżentata trid tiġi ssodisfata bis-sħiħ meta jiġu implimentati r-riformi kollha meħtieġa għall-iżborż tat-tielet segment. It-tielet segment ta' EUR 200 miljun jibqa' disponibbli sa April 2023.

Dawn l-operazzjonijiet tal-AMF huma pprovduti flimkien ma' riżorsi minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u minn donaturi bilaterali, inkluż il-FMI. Fil-25 ta' Marzu 2020, il-FMI approva programm tal-EFF ta' erba' snin mal-Ġordan b'valur ta' EUR 1,1 biljun (270 % tal-kwota). Dan l-ammont wara żdied għal madwar EUR 1,3 biljun (ekwivalenti għal 312 % tal-kwota tal-Ġordan). Fl-20 ta' Mejju 2020, il-FMI għamel disponibbli wkoll madwar EUR 366 miljun f'assistenza ta' emerġenza lill-Ġordan fl-ambitu tal-Istrument ta' Finanzjament Rapidu biex jgħin lill-pajjiż jindirizza l-impatt tal-pandemija. Sa Diċembru 2021, l-iżborż totali mill-FMI lill-Ġordan mill-bidu tal-2020 kien laħaq madwar EUR 1 biljun. Il-programm tal-EFF jibqa' fit-triq it-tajba, bit-tlestija tat-tielet rieżami fil-ħin f'Diċembru 2021. Filwaqt li d-dejn pubbliku tal-Ġordan baqa' għoli b'110 % tal-PDG fi tmiem l-2021, dan ġie vvalutat bħala sostenibbli mill-FMI.

- **It-Tuneżija: AMF għall-COVID-19**

Bħala parti mill-pakkett tal-AMF għall-COVID-19 adottat f'Mejju 2020, l-UE qablet fuq programm tal-AMF ta' EUR 600 miljun għat-Tuneżija. Il-MtQ u l-LFA ġew iffirmati fl-24 ta' Novembru 2020, ratifikati mill-Parlament tat-Tuneżija fil-15 ta' April 2021 u daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2021, mal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali tat-Tuneżija. Għalhekk, il-perjodu ta' disponibbiltà ta' 12-il xahar tal-programm baqa' għaddej sa Mejju 2022. Il-kundizzjonalità tal-politika tal-AMF tiffoka primarjament fuq erba' oqsma tematiċi: il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u r-riforma tas-settur ċivili; riformi f'intrapriżi tal-Istat; il-protezzjoni soċjali; u l-klima ta' investment.

L-AMF kienet ipprovduta f'żewġ segmenti ta' EUR 300 miljun kull wieħed. L-ewwel pagament parzjali kien soġġett għall-prekundizzjonijiet politiċi ġenerali għall-AMF u ġie żborżat fl-1 ta' Ġunju 2021. L-isforzi tħaffu b'mod ċar fir-rigward tar-riformi tal-politika meħtieġa għall-iżborż tat-tieni segment u l-kundizzjonijiet kollha huma ssodisfati tal-anqas b'mod wiesa'. Minkejja xi tħassib fir-rigward tal-prekundizzjoni politika, ittra mill-awtoritajiet li tistabbilixxi l-impenji f'kalendarju politiku din is-sena ppermettiet li t-tieni segment jiġi żborżat fil-25 ta' Mejju 2022.

L-assistenza hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi magħmula disponibbli minn donaturi oħrajn, inkluż il-FMI, fl-ambitu tal-programm tiegħu ta' Faċilità ta' Finanzjament Rapidu ta' EUR 685 miljun mat-Tuneżija approvat fl-10 ta' April 2020.

3.3 Il-Balkani tal-Punent

- **L-Albanija: AMF għall-COVID-19**

Wara t-terremoti devastanti f'Novembru 2019 u l-isfidi ppreżentati mill-pandemija tal-COVID-19, l-Albanija talbet AMF b'mod uffiċjali fil-15 ta' April 2020. B'reazzjoni għal dan, bħala parti mill-pakkett tal-AMF għall-COVID-19, l-UE qablet fuq programm ta' AMF ta' EUR 180 miljun għall-Albanija. Il-MtQ u l-LFA ġew iffirmati fit-3 ta' Novembru 2020 u daħlu fis-seħħ fit-3 ta' Novembru 2020 u fis-26 ta' Jannar 2021, rispettivament, peress li kienu applikabbli proċeduri nazzjonali differenti. Il-kundizzjonijiet ta' politika tal-AMF kellhom l-għan li jindirizzaw uħud mid-dgħufijiet fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, fis-settur finanzjarju, fil-governanza tajba u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fil-politiki ta' protezzjoni soċjali.

L-AMF kienet ipprovduta f'żewġ segmenti ta' EUR 90 miljun kull wieħed. L-ewwel pagament parzjali ġie żborżat fil-31 ta' Marzu 2021. It-tieni u l-aħħar pagament parzjali ġie żborżat fil-5 ta' Novembru 2021, wara li l-Albanija ssodisfat il-kundizzjonijiet ta' politika mehmuża.

L-assistenza kienet maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi magħmula disponibbli minn donaturi oħrajn, inkluż il-FMI, fl-ambitu tal-programm tiegħu tal-Faċilità ta' Finanzjament Rapidu mal-Albanija ta' EUR 174 miljun approvat fl-10 ta' April 2020.

- **Il-Bożnija-Herzegovina: AMF għall-COVID-19**

Wara talba uffiċjali għall-AMF mill-Bożnija-Herzegovina fl-14 ta' April 2020 fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ġew inklużi EUR 250 miljun għall-Bożnija-Herzegovina fil-pakkett tal-AMF għall-COVID-19. Il-MtQ u l-LFA ġew iffirmati fil-15 ta' Jannar 2021 u daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Ġunju 2021. Dan id-dewmien sostanzjali kien ikkawżat mill-proċessi twal tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-pajjiż. Il-kundizzjonijiet ta' politika tal-AMF għandhom l-għan li jindirizzaw uħud mid-dgħufijiet fil-governanza ekonomika u fil-bini tal-istituzzjonijiet, fl-istabbiltà tas-settur finanzjarju, fit-trasparenza u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u funzjonament aħjar tas-suq tax-xogħol.

L-AMF kellha tiġi pprovduta f'żewġ segmenti ta' EUR 125 miljun kull wieħed. L-ewwel pagament parzjali ġie żborżat fis-7 ta' Ottubru 2021, filwaqt li t-tieni segment ma ġiex żborżat minħabba l-implimentazzjoni limitata tar-riformi fi tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà.

L-assistenza hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi magħmula disponibbli minn donaturi oħrajn, inkluż il-FMI, fl-ambitu tal-programm tiegħu ta' Faċilità ta' Finanzjament Rapidu (RFI) ta' EUR 330 miljun approvat fl-20 ta' April 2020.

- **Il-Kosovo: AMF għall-COVID-19**

Wara talba uffiċjali għall-AMF mill-Kosovo fit-8 ta' April 2020 fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kosovo rċieva operazzjoni ta' AMF ġdida ta' EUR 100 miljun. Il-kundizzjonalità tal-politika tal-MFA ffokat primarjament fuq it-tisħiħ tal-finanzi pubbliċi, it-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja, l-indirizzar tal-informalità, l-avvanz tal-istrateġija tal-istat tad-dritt, u t-titjib tal-prospetti ta' impjieg għaż-żgħażagħ.

L-AMF kienet ipprovduta f'żewġ segmenti ta' EUR 50 miljun kull wieħed. L-ewwel pagament parzjali ġie żborżat fis-6 ta' Ottubru 2020. It-tieni u l-aħħar pagament parzjali ġie żborżat fl-1 ta' Ġunju 2021, wara li l-Kosovo kien issodisfa l-kundizzjonijiet ta' politika mehmuża.

L-assistenza kienet maħsuba biex tikkomplementa l-fondi tal-FMI (EUR 52 miljun) fl-ambitu tal-Faċilità ta' Finanzjament Rapidu (RFI) (50 % tal-kwota tal-Kosovo fil-Fond), approvata fl-10 ta' April 2020.

- **Il-Montenegro: AMF għall-COVID-19**

Wara talba uffiċjali għall-AMF mill-Montenegro fil-15 ta' April 2020, l-UE qablet fuq operazzjoni ta' AMF ta' EUR 60 miljun għall-Montenegro, bħala parti mill-pakkett tal-AMF għall-COVID-19. Il-kundizzjonalità tal-politika tal-AMF iffokat primarjament fuq it-tisħiħ tal-finanzi pubbliċi u fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja, it-titjib tal-ambjent tan-negozju, u r-riforma tal-protezzjoni soċjali.

L-AMF kienet ipprovduta f'żewġ segmenti ta' EUR 30 miljun kull wieħed. L-ewwel wieħed ġie żborżat fis-6 ta' Ottubru 2020. It-tieni u l-aħħar pagament parzjali ġie żborżat fl-1 ta' Ġunju 2021, wara li l-Montenegro kien issodisfa l-kundizzjonijiet ta' politika mehmuża.

L-assistenza kienet maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi magħmula disponibbli minn donaturi oħrajn, inkluż il-FMI, fl-ambitu tal-programm tiegħu ta' Faċilità ta' Finanzjament Rapidu ta' EUR 75 miljun mal-Montenegro approvat fl-24 ta' Ġunju 2020.

- **Il-Maċedonja ta' Fuq: AMF għall-COVID-19**

Wara talba uffiċjali għall-AMF mill-Maċedonja ta' Fuq fil-15 ta' April 2020, l-UE allokat operazzjoni ta' AMF ta' EUR 160 miljun għall-Maċedonja ta' Fuq, bħala parti mill-pakkett tal-AMF għall-COVID-19. Il-kundizzjonalità tal-politika tal-AMF iffokat primarjament fuq it-tisħiħ tal-finanzi pubbliċi u fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja, it-titjib tal-ambjent tan-negozju, u r-riforma tal-protezzjoni soċjali.

L-AMF kienet ipprovduta f'żewġ segmenti ta' EUR 80 miljun kull wieħed. L-ewwel pagament parzjali ġie żborżat fis-6 ta' Ottubru 2020. It-tieni u l-aħħar pagament parzjali ġie żborżat fl-1 ta' Ġunju 2021, wara li l-Maċedonja ta' Fuq kienet issodisfat il-kundizzjonijiet ta' politika mehmuża.

L-assistenza kienet maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi magħmula disponibbli minn donaturi oħrajn, inkluż il-FMI, fl-ambitu tal-programm tiegħu ta' Faċilità ta' Finanzjament Rapidu ta' EUR 176 miljun mal-Maċedonja ta' Fuq approvat fl-10 ta' April 2020.

4 L-IŻGURAR TAL-UŻU XIERAQ TAL-FONDI TAL-AMF: VALUTAZZJONIJIET OPERAZZJONALI, EVALWAZZJONIJIET U AWDITI EX POST

4.1 Valutazzjonijiet operazzjonali

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, il-Kummissjoni, bl-għajjuna ta' konsulenti esterni, twettaq valutazzjonijiet operazzjonali bil-għan li tikseb assigurazzjonijiet raġonevoli dwar il-funzjonament tal-proċeduri amministrattivi u ċ-ċirkwiti finanzjarji fil-pajjiżi benefiċjarji.

Il-valutazzjonijiet operazzjonali jiffokaw fuq is-sistemi pubbliċi tal-ġestjoni finanzjarja. B'mod partikolari, jiffokaw fuq kif inhuma organizzati l-ministeri tal-finanzi u l-banek ċentrali u liema proċeduri jimplimentaw. B'mod aktar speċifiku, jiffokaw fuq kif jiġu ġestiti l-kontijiet li jirċievu fondi tal-UE. Tingħata wkoll attenzjoni speċjali għall-funzjonament, għall-indipendenza u għall-programmi ta' ħidma tal-istituzzjonijiet tal-awditjar esterni, u għall-effettività tal-kontrolli ta' dawn l-istituzzjonijiet. Jiġu eżaminati wkoll il-proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell ċentrali.

Fl-2020, twettqu 10 valutazzjonijiet operazzjonali fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-AMF għall-COVID-19, kif ukoll tal-AMF-III Ġordan. Dawn il-valutazzjonijiet ikkonkludew li ċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri fil-pajjiżi sħab huma meqjusa xierqa għall-finijiet tal-AMF. Ma kienet meħtieġa l-ebda valutazzjoni ġdida fl-2021.

4.2 Evalwazzjonijiet ex post

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-UE u d-deċiżjonijiet korrispondenti ta' MFA, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet *ex post*⁸ wara t-tlestija tal-operazzjonijiet tal-MFA sabiex tivvaluta l-impatt tagħhom. Iż-żewġ objettivi ewlenin ta' dawn l-evalwazzjonijiet huma li:

- i. jiġi analizzat l-impatt tal-AMF fuq l-ekonomija tal-pajjiż benefiċjarju, u b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tiegħu; u
- ii. jiġi vvalutat il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE.

F'Jannar u f'April 2021, il-Kummissjoni ppubblikat id-dokumenti ta' ħidma tal-persunal għall-evalwazzjonijiet *ex post* tal-AMF-I għat-Tuneżija u tal-AMF-III għall-Ukrajna, rispettivament. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet.

Barra minn hekk, fl-2021, tlestiet l-evalwazzjoni *ex post* konġunta tal-interventi tal-AMF-II għat-Tuneżija u l-Ġordan, u tlestiet ukoll il-metaevalwazzjoni tal-operazzjonijiet kollha tal-AMF matul il-perjodu 2010-2020. Il-metaevalwazzjoni vvalutat il-prinċipji u l-karatteristiċi li jirregolaw l-istrument tal-AMF u kellha l-għan li tipprovdi kontribut dwar kif jistgħu jittejjbu: (i) ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-valur miżjud tiegħu; u (ii) l-kapaċità tiegħu li jwieġeb għall-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE. Id-dokumenti ta'

⁸ L-evalwazzjonijiet *ex post* kollha huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni:

https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities_en.

ħidma tal-persunal li jakkumpanjaw iż-żewġ evalwazzjonijiet huma mistennija li jiġu ppubblikati fl-2022.

- **AMF-II għat-Tuneżija u l-Ġordan:** l-istudju estern jikkonkludi li d-daqs, il-forma u ż-żmien tal-operazzjonijiet implimentati miż-żewġ pajjiżi kienu rilevanti u xierqa għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-pajjiżi, u pprovdew valur miżjud tal-UE. Fiż-żewġ pajjiżi, l-AMF kellha impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tad-dejn u għenet fil-promozzjoni tal-istabbilizzazzjoni makroekonomika. Il-kundizzjonijiet kienu rilevanti u ffokaw fuq oqsma ewlenin ta' riforma. L-operazzjonijiet appoġġaw bidla pożittiva f'xi oqsma ta' riforma, minkejja l-progress imħallat f'xi riformi speċifiċi oħrajn. Minn perspettiva reġjonali, l-impatt pożittiv u l-effetti konsegwenzjali fuq ir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq taż-żewġ AMFs kienu inqas kwantifikabbli u relatati l-aktar mal-effett ta' fiduċja.
- **Il-metaevalwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-AMF għall-2010-2020:** l-istudju estern jikkonkludi li l-operazzjonijiet tal-AMF kienu effiċjenti, rilevanti u koerenti, u li ġġeneraw valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, instab li l-istrument tal-AMF kien effettiv biex jgħin kemm biex tiġi restawrata s-sostenibbiltà esterna kif ukoll biex jiġu promossi r-riformi strutturali. Fl-istess ħin, l-istudju jinnotta l-importanza ta' sens ta' "sjieda" tar-riformi fil-pajjiż sieħeb sabiex jiġi żgurati li r-riformi ta' politika mwettqa jkollhom impatt dejjiemi. L-istudju jenfasizza wkoll iż-żmien twil li jistgħu jieħdu l-operazzjonijiet tal-AMF biex isiru operazzjonali u jippreżenta xi ideat biex jiġi ffaċilitat rispons aktar rapidu u effettiv tal-istrument f'kuntest ġeopolitiku ta' sfida. L-evalwazzjoni enfasizzat il-ħtieġa li tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-AMF fil-pajjiżi benefiċjarji. F'dan ir-rigward, l-avveniment organizzat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Novembru 2021, fl-okkażjoni tat-30 anniversarju tal-istrument, ipprova wkoll pjattaforma importanti biex tiġi kkonsolidata s-sensibilizzazzjoni dwar l-istrument barra mill-Unjoni Ewropea. Rappreżentanti ta' livell għoli minn pajjiżi benefiċjarji, ditti ta' konsulenza, delegazzjonijiet tal-UE u Stati Membri ħadu sehem fid-dibattitu dwar dak li kisbet l-AMF sa issa u l-istrateġiji possibbli għall-futur tagħha. Minn perspettiva metodoloġika, l-evalwazzjonijiet *ex post* tal-AMF twettqu bi standard għoli. Dan kien partikolarment minnu wara li daħlu fis-seħħ il-linji gwida dwar "regolamentazzjoni aħjar" tal-2015.

Hija pprovduta informazzjoni addizzjonali dwar iż-żewġ evalwazzjonijiet fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport u se tkun disponibbli fid-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li għandhom jiġu ppubblikati għaż-żewġ evalwazzjonijiet.

5 ŻVILUPPI ĠENERALI RELATATI MAL-ISTRUMENT TAL-AMF

5.1 Il-funzjonament tal-istrument tal-AMF

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-AMF⁹ tqis l-assistenza bħala waħda ta' natura makroekonomika u finanzjarja u tiddikjara b'mod ċar li timmira lejn "ir-ristabbiliment tas-sostenibbiltà tas-sitwazzjoni finanzjarja esterna tal-pajjiżi u tat-territorji eleġibbli li jinsabu quddiem diffikultajiet ta' finanzjament

⁹ Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill adottata flimkien mad-deċiżjoni li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja ulterjuri lill-Georgia (id-Deċiżjoni (UE) 2013/778 tat-12 ta' Awwissu 2013). Disponibbli fuq:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013D0778&from=MT>.

estern”. Sabiex l-AMF tirnexxi bħala strument ta’ “emerġenza”, huwa għalhekk importanti li tiġi mmobilizzata b’mod effettiv u fil-ħin.

Fl-istess ħin, ġie nnotat kemm mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll fil-metaevalwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-AMF (2010-2020) li dewmien fl-adozzjoni ta’ deċiżjonijiet tal-AMF mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi ħdan il-proċedura leġiżlattiva ordinarja jista’ jkun nuqqas sinifikanti għal strument li huwa maħsub biex iwieġeb għal kriżi tal-bilanċ tal-pagamenti. B’konsegwenza ta’ dan, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li “[j]enħtieġ li l-Kummissjoni tesplora, mal-koleġiżlaturi tagħha, l-alternattivi disponibbli biex il-proċeduri ta’ approvazzjoni ta’ programmi sussegwenti ta’ AMF jiġu aċċellerati, b’mod partikolari f’każ ta’ finanzjament ta’ emerġenza.”¹⁰

Madankollu, il-Kummissjoni temmen li l-esperjenza bil-pakkett tal-AMF tal-COVID-19 u l-AMF ta’ emerġenza l-ġdida għall-Ukrajna turi li l-istruttura attwali tal-AMF tista’ tippermetti adoxxjoni rapida, jekk l-istituzzjonijiet kollha jaqblu li jagħmlu użu sħiħ mill-flessibbiltajiet proċedurali disponibbli. Fiż-żewġ każijiet, il-Kummissjoni ħadmet mal-Parlament u mal-Kunsill biex taqbel fuq l-użu ta’ proċeduri ta’ urġenza eżistenti li ppermettew l-adoxxjoni tal-assistenza fi żmien xahar mill-proposta tal-Kummissjoni u miż-żewġ koleġiżlaturi. Il-Parlament Ewropew invoka klawżola speċifika (ir-Regola 163) fir-Regoli ta’ Proċedura tiegħu, li ppermettiet lill-Parlament jadotta minnufih id-deċiżjoni fil-plenarja, mingħajr ma jkollha tgħaddi mill-Kumitat INTA, kif inhi l-prattika regolari. Dan il-proċess ta’ adoxxjoni veloċi kien ir-riżultat ta’ sens kondiviż ta’ urġenza mill-istituzzjonijiet kollha f’dawn iż-żminijiet ta’ sfida straordinarji.

Għalhekk, ir-regoli ta’ proċedura kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Parlament Ewropew jipprevedu proċedura aċċellerata meħtieġa għal adoxxjoni rapida f’sitwazzjonijiet ta’ urġenza. Billi kien hemm kuntatti f’waqthom u kostruttivi, kien possibbli li jkun hemm proċess ta’ adoxxjoni aktar mgħaġġel fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, bl-involvement sħiħ tal-Parlament Ewropew. Dan ma kienx ikun il-każ kieku l-Kummissjoni pproponiet miżuri abbażi tal-Artikolu 213 tat-TFUE (applikabbli għal każijiet fejn tkun meħtieġa assistenza finanzjarja urġenti u mill-Kunsill li jadotta l-operazzjoni tal-AMF biss).

5.2 L-AMF fil-QFP għall-2021-2027

Ir-reġjun tal-viċinat tal-UE għadu qiegħed jesperjenza instabbiltà ġeopolitika u ekonomika. Din hija aggravata ulterjorment mill-konsegwenzi umanitarji u ekonomiċi mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. F’dan il-kuntest, il-ħtieġa li l-UE tikkunsidra li tipprovdi AMF x’aktarx li se tibqa’ għolja fis-snin li ġejjin.

L-Istrument il-ġdid ta’ Viċinat, ta’ Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta’ Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) (magħruf ukoll bħala l-istrument “Ewropa Globali”) daħal fis-seħħ f’Ġunju 2021 wara l-adoxxjoni formali tiegħu mill-Kunsill u mill-Parlament. L-istrument tal-AMF se jibqa’ separat mill-NDICI-Ewropa Globali, u se jkomplu jiġu attivati operazzjonijiet speċifiċi tal-AMF, kif meħtieġ, permezz ta’ deċiżjonijiet *ad hoc* separati abbażi tal-bażi legali applikabbli fit-Trattat. Madankollu, is-self tal-AMF minn issa ’l quddiem se jkun garantit mill-garanzija l-ġdida għall-azzjoni esterna (external action guarantee, EAG) li nħolqot mir-Regolament tal-NDICI-Ewropa Globali, b’rata ta’ proviżjonament ta’ 9 % kif kien il-każ qabel.

¹⁰ Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (Nru 03/2017) disponibbli fuq: https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_3/SR_TUNISIA_MT.pdf.

NDICI-Ewropa Globali: (i) jistipula li l-proviżjonament tal-EAG irid jiġi ffinanzjat mill-baġit tal-programmi ġeografiċi rilevanti; u (ii) jistabbilixxi limitu ġenerali ta' EUR 10 biljun li jista' jintuża biex tiġi pprovduta l-EAG. Dan effettivament ipoġġi limitu fuq il-volum tal-operazzjonijiet tal-AMF kif ukoll fuq strumenti oħrajn (inkluż is-self estern tal-Bank Ewropew tal-Investment, is-self tal-EFSD+ u tal-Euratom) li jistgħu jiġu ffinanzjati matul dan il-QFP.

L-EAG mhux se tibqa' tiġi ġestita permezz tal-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna, iżda permezz tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni. Il-Kummissjoni bdiet valutazzjoni tar-riskji involuti f'dan minħabba: (i) regoli ġodda dwar it-trattament ta' obligazzjonijiet kontinġenti; u (ii) l-kuntest speċifiku tal-iskopertura għall-Ukrajna u r-reġjun. Dawn ir-riskji jistgħu jiġu indirizzati wkoll fir-rieżami ta' nofs it-terminu li jmiss tar-Regolament tal-NDICI-Ewropa Globali.

6 INĦARSU 'L QUDDIEM – L-OPERAZZJONIJIET TAL-AMF U S-SITWAZZJONI BAĠITARJA FL-2022

Is-sena 2022 bdiet bl-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' żewġ proposti ġodda ta' AMF għall-Moldova u l-Ukrajna ta' EUR 150 miljun u EUR 1,2 biljun, rispettivament. L-AMF għall-Moldova, li ntalbet f'Novembru 2021 matul it-tifqigħa tal-kriżi tal-gass tal-Moldova u l-irkupru ekonomiku attwali ta' wara l-pandemija, se tikkonsisti f'EUR 120 miljun f'self u EUR 30 miljun f'għotjiet. Dan is-self u dawn l-għotjiet se jiġu żborżati fi tliet segmenti meta jiġu ssodisfati kundizzjonijiet definiti minn qabel. Fil-11 ta' Marzu, il-Moldova talbet żieda fl-AMF, li tirrifletti l-konsegwenzi ekonomiċi tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha, inkluż l-influss għoli ta' refuġjati. It-talba tal-Moldova saħqet b'mod partikolari fuq il-ħtieġa ta' għotjiet. B'reazzjoni għal dan, qegħdin isiru sforzi biex din l-AMF tiġi kkomplementata b'pakkett ta' appoġġ usa' li fih tista' tiġi akkomodata t-talba biex ikun hemm aktar assistenza fil-forma ta' għotjiet. Barra minn hekk, se jsir il-frontloading tal-komponent tal-għotjiet tal-AMF, sabiex ikun possibbli li jiġu żborżati aktar għotjiet fl-ewwel żewġ segmenti (EUR 15-il miljun u EUR 10 miljun, rispettivament).

Fl-24 ta' Frar 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw deċiżjoni dwar AMF ġdida ta' emerġenza għall-Ukrajna minħabba r-riskju ta' eskalazzjoni fil-kunflitt mar-Russja u fl-isfond tat-telf ta' aċċess mill-Ukrajna għas-swieq kapitali internazzjonali. Din l-AMF ħadet il-forma ta' EUR 1,2 biljun f'self, u l-ewwel EUR 600 miljun tħallsu f'Marzu 2022, biex b'hekk għenu jindirizzaw id-distakk dejjem jiżdied fil-finanzjament tal-Ukrajna minħabba l-kunflitt li għaddej mar-Russja. B'mod ġenerali, l-awtoritajiet tal-Ukrajna kienu ħadu azzjoni lejn l-implimentazzjoni tal-kundizzjoni miftiehma. Madankollu, iċ-ċirkostanzi tal-gwerra kienu jikkostitwixxu avveniment ta' *force majeure* li impedixxa t-tlestija effettiva tal-miżuri ta' politika strutturali li kkundizzjonaw l-iżborż tat-tieni segment tal-AMF. Wara valutazzjoni bir-reqqa, u wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Assistenza Makrofinanzjarja, il-Kummissjoni madankollu ddeċidiet li tipproċedi bl-iżborż tat-tieni segment ta' EUR 600 miljun diġà f'Mejju 2022, bħala kwistjoni ta' urġenza.

Il-Kunsill Ewropew fit-30 ta' Mejjun 2022 tenna l-appoġġ tiegħu għall-Ukrajna u jinsab lest li jagħti AMF eċċezzjonali ġdida sa EUR 9 biljun fl-2022.

Skont il-progress fir-riformi tal-politika u s-sodisfazzjoni tal-prekundizzjoni politika, l-aħħar segment għall-AMF għall-COVID-19 ġie żborżat lit-Tuneżija fil-25 ta' Mejjun 2022, filwaqt li t-tieni segment għall-Bożnija-Herzegovina ma ġiex żborżat minħabba

implimentazzjoni limitata tar-riformi fi tmiem il-perjodu ta' disponibbiltà. Il-pagament parzjali finali tal-operazzjoni tal-AMF-III għall-Ġordan jibqa' disponibbli sa April 2023.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li tikkunsidra kwalunkwe talba li għad trid tiġi għall-AMF, u jekk xieraq, se tipproponi operazzjonijiet tal-AMF ġodda u/jew ta' segwitu għas-sħab eliġibbli.

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-impenji u l-pagamenti tal-għotjiet tal-AMF u lejn l-iżborż tas-self tal-AMF għall-2019, għall-2020, għall-2021 u (b'mod proviżorju) għall-2022. L-iżborżi totali huma mistennija li jammontaw għal EUR 1 575 miljun ta' self u EUR 25 miljun ta' għotjiet fl-2022.

Tabella 1: Impenji u pagamenti għal għotjiet tal-AMF u żborżi ta' self tal-AMF għal bejn l-2019 u l-2022 (EUR)¹¹

	2019	2020	2021	2022 (b' mod provviżorju)
Approprijazzjonijiet ta' impenn għal għotjiet fil-baġit	27 000 000	20 000 000	227 200	50 000 000
Valutazzjonijiet operazzjonali, evalwazzjonijiet <i>ex post</i>	125 900	293 900	227 200	Għad irid jiġi deċiż
Operazzjonijiet tal-AMF oħrajn possibbli	-	-	-	30 000 000
Impenji, total	125 900	293 900	227 200	30 000 000
Allokazzjonijiet tal-baġit mhux impenjati	26 874 100	19 706 100		Għad irid jiġi deċiż
Approprijazzjonijiet ta' pagament għal għotjiet fil-baġit	27 000 000	27 000 000	362 400	25 000 000
Valutazzjonijiet operazzjonali, evalwazzjonijiet <i>ex post</i>	304 949	284 600	362 400	-
AMF Georgia III (intemmet)	-	5 000 000	-	-
AMF Moldova (intemmet)	10 000 000	10 000 000	-	-
AMF Moldova	-	-	-	25 000 000
Operazzjonijiet tal-AMF oħrajn possibbli	-	-	-	-
Pagamenti, total	10 304 949	15 284 600	362 400	25 000 000
Allokazzjonijiet mhux użati għal pagamenti ta' għotjiet	16 695 051	11 715 400		-
Żborżi ta' self tal-AMF				
AMF Georgia III (intemmet)	-	20 000 000	-	-
AMF Moldova (intemmet)	20 000 000	20 000 000	-	-
AMF Ukrajna IV (intemmet)	-	500 000 000	-	-
AMF Ġordan II (intemmet)	100 000 000	-	-	-
AMF Ġordan III ¹²		100 000 000	200 000 000	-
AMF Tuneżija II (intemmet)	300 000 000	-	-	-
AMF Moldova	-	-	-	75 000 000
AMF ta' Emerġenza Ukrajna	-	-	-	1 200 000 000
Żborżi ta' self tal-AMF, total	420 000 000	640 000 000	200 000 000	1 275 000 000
Operazzjonijiet tal-AMF għall-COVID-19:				
AMF Georgia (parzjalment żborzata)		75 000 000	-	-
AMF Moldova (intemmet)		50 000 000	50 000 000	-
AMF Ukrajna (intemmet)		600 000 000	600 000 000	-
AMF Ġordan (intemmet)		150 000 000	50 000 000	-
AMF Tuneżija (intemmet)		-	300 000 000	300 000 000
AMF Albanija (intemmet)		-	180 000 000	-
AMF Bożnija-Ħerzegovina (parzjalment żborzata)		-	125 000 000	-
AMA Kosovo (intemmet)		50 000 000	50 000 000	-
AMF Montenegro (intemmet)		30 000 000	30 000 000	-
AMF Maċedonja ta' Fuq (intemmet)		80 000 000	80 000 000	-
Żborżi ta' self tal-AMF, total	420 000 000	1 675 000 000	1 665 000 000	1 575 000 000

¹¹ It-tabella ma tqis l-ebda proposta għal operazzjonijiet ġodda tal-AMF wara l-1 ta' Ġunju 2022.

¹² It-tielet pagament parzjali ta' EUR 200 miljun huwa disponibbli sa April 2023.